MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 524/2003

**Roc A Go Crane Services Limited**

**Vs**

**Petroil Engineering & Construction Co Ltd**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettit illi hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' Lm5,738.50 (hamest elef sebgha mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsin centezmu) rappresentanti ammont lilha dovut bhala hlasijiet ghall-kera ta' diversi ingenji mikrija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta f'diversi dati bejn it-28 ta' Frar, 2002 u

it-30 ta’ Jannar, 2003 kif jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok ‘B”.

Premess illi minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan il-bilanc xorta baqghet inadempjenti.

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta’ artikolu 167 –170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma dan l-att affidavit (Dok “A”) a tenur tal-istess Artikolu tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ Artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ Lm5,738.50 (hamest elef sebgha mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsin centezmu) rappresentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ kera ta’ diversi ingenji lilha mikrija mill-istess socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ April, 2003, tal-mandat ta’ sekwestru numru 868/03 presentat kontestwalment u bl-imghax legali mit-30 ta’ Jannar, 2003 data tal-ahhar invoice sal-effettiv pagament kontra is-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet lil konvenut Anthony Folden li ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------